MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2008

Appell Kriminali Numru. 424/2007

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Nicholas Ciappara)**

**v.**

**David (David-Norbert) Schembri**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra David (David-Norbert) Schembri ta’ 23 sena iben Antonio u Evangelista nee Micallef, imwieled Pieta` fil-15 ta’ Settembru 1977, detentur ta’ karta ta’ l-identita` bin-numru 369676(M) talli: (**1**) f’dawn il-Gzejjer bejn Jannar u Frar 1999 u f’Settembru 1998 kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina bi ksur tal-ligi; (**2**) f’dawn il-Gzejjer f’Settembru 1998 forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina, bi ksur tal-ligi; kif ukoll (**3**) talli sar ricediv skond l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati

(Malta) datata 27 ta' Lulju 1995, Awla 10 u mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 31 ta' Lulju 1998;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Novembru, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi David (David-Norbert) Schembri hati skond l-ewwel kif ukoll skond it-tieni imputazzjoni (bl-ewwel imputazzjoni assorbita fit-tieni wahda), izda lliberatu mit-tielet imputazzjoni, u kkundannatu disa' (9) xhur prigunerija u multa ta' tlett mitt lira (Lm300), pagabbli f'rati mensili ta' Lm20 kull xahar, bl-ewwel pagament isir fi zmien erba' gimghat;

Rat ir-rikors ta' appell ta' David (David-Norbert) Schembri, minnu prezentat fil-5 ta' Dicembru 2007, li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta' Marzu 2008; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, li l-ewwel qorti kienet skorretta meta emmnet dak li xehed Joseph Pace, u cioe` li f'okkazzjoni minnhom dana Pace kien xtara minghand l-appellant l-erojina.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha, izda tara li ma hemm ebda raguni ghala ghandha tiddisurba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti. Kif tajjeb osserva l-abbili difensur ta' l-appellant, din il-Qorti bhala regola ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel qorti jekk ikun jirrizultalha li dak l-apprezzament, u l-konkluzjoni fuqu bbazata, kien wiehed li dik il-qorti setghet legalment u ragjonevolment taghmel, b'mod ghalhekk li l-konkluzzjoni milhuqa tkun ukoll wahda li dik il-qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghaliha. Huwa minnu li f'dan il-kaz hemm provi kontrastanti – il-verzjoni ta' Pace kontra l-verzjoni ta' l-appellant. Pero` wiehed ma jridx jinsa li l-ewwel qorti kellha l-vantagg – vantagg li qorti ta' appell normalment ma jkollhiex – li semghet lix-xhieda jiddeponu quddiemha, u ghalhekk dik il-qorti tkun f'posizzjoni ferm aktar tajba biex taghmel

apprezzament ta' x'temmen u x'ma temminx. Jinghad ukoll li s-sentenza appellata hija wahda dettaljata hafna, u minnha hu evidenti li l-magistrat sedenti gharbel il-provi minuzjozament. Kollox ma' kollox ma hemm ebda raguni ghala din il-Qorti ghandha tiddipartixxi mill-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------